Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ħamis 28 t' April 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Skużati | Is- Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Financial Statements
2. Jum Ħal Luqa
3. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet

## 1.0 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

1.1 Is-Sindku semma li din il-laqgħa tal-lum kienet saret b' urġenza minħabba li l-financial statements kienu intbagħatu tard u riedu jiddaħħlu s' għada. Is-Segretarju semma li dawn kienu daħlu l-ġurnata ta' qabel fil-5.30 pm.

1.2 Is-Segretarju ta psjegazzjoni tal-financial statements u tad-diversi statements differenti li kien hemm fid-dokument. Huwa rrefera għan noti li kien hemm fuq wara li jagħti spjegazzjoni aktar dettaljata ta' kif inħadmu ċertu figuri.

1.3 Is-Segretarju semma li id-differenza fl-audited financial statements kienet li din id-darba wara l-audit il-Kunsill kellu surplus minħabba l-mod kif ġie ikkalkulat id-deferred income u d-depreciation.

1.4 Is-Sindku ippropona dawn il-financial statements għall approvazzjoni u kien issekondat mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa. Il-financial statements ġew approvatti.

## 2.0 JUM ĦAL LUQA

2.1 Is-Sindku semm li dik il-ġimgħa kien ingħata riżultat il-Kunsill Lokali fuq l-ammont ta' fondi li kien se jieħu fuq Jum Ħal Luqa. Huwa semma li peress li l-aħbar ingħatat wisq viċin il-ġurnata oriġinali ma kienx hemm żmien biex isiru l-pjanijiet għall attivita tajba. Huwa ippropona li l-attivitajiet isiru f' Settembru. Il-Kunsilliera preżenti lkoll qablu.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa se jiċċekkja mal-Kappillan biex jara liem huma dawk id-dati li se jkun hemm tiġien fihom matul ix-xahar imsemmi.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma biex ikun hemm promozzjoni tajba tal-attivita.

2.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li tista ssir xi forma t' attivita bħal festa familja.

2.5 Il-Kunsillier Caruana semma li nistgħu nsibu nies li jġibu animali matul il-ġurnata. Il-Kunsillier Camilleri qal li din tista ssir f' attivita għalija apparti li ssir meta rridu aħna.

2.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li mill-applikazzjoni li konna ssottomettejna ġew approvatti 4 affarijiet. Fost dawn l-affarijiet kien hemm il-Baned approvatti.

2.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kien kellem lil Clayton tat-Telstar fuq l-attivita għax huwa jifforma parti minn Koperattiva li jiġu jarmaw huma u jbiegħu prodotti tal-laħam Malti. Huwa semma wkoll li hawn grupp ta żeffiena jismu Żfin Malti li dawn jattendu għall dawn l-attivitajiet mingħajr ħlas kemm wieħed jipprovdilhom palk.

2.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-attivita tat-8 ta’ Mejju li kienet il-Health Day se ddum sas-1.00 pm.

2.9 Il-Viċi Sindku semmiet li tal-Lifelong Courses xtaqu jiġu jagħmlu talk ta 20 mins u dawn se jkunu ġejjin dakinhar tat-8 ta’ Mejju.

2.10 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi affarijiet oħra li xtaqu jgħidu differenti minn dan l-item peress li ma kienx hemm item għall korrispondenza.

2.11 Il-Viċi Sindku semmiet li kien se jsir course fuq EU Funding ġewwa l-Kunsill ta’ Ħal Safi li seta jattendi għalih il-Kunsillier responsabli mill-kultura.

2.12 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienu kellmuh tal-futbol fuq is-Summer Camp jekk il-Kunsill hux lest li jgħin. Is-Sindku qallu biex jinfurmahom sabiex jibgħatu email lill-Kunsill bit-talba tagħhom.

## 3.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-kont dovut lill Alfred Barbara x’ kien jikkonsisti. Is-Segretarju semma li l-vann kellu jitbiddilu il-clutch peress li dan kien spiċċa.

3.2 L-iskeda kienet ipproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku.

## 4.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 28 t’ April 2016 fis-6.05 pm. Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-laqgħa li jmiss kienet se ssir il-ġimgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2016.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv